Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

**Francesca Saveria Borg**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

It-Tnejn, 7 ta' Dicembru 2015.

Permezz ta' rikors prezentat fit-30 ta' Gunju 2014 ir-rikorrenti talbet lill-qorti sabiex thassar is-sentenza ta' din il-qorti tat-23 ta' Mejju 2008 u tordna r-ritrattazzjoni tal-istess minhabba applikazzjoni hazina ta' ligi *(*Artikolu 811(e) tal-Kap. 12)[1]. L-ilment tar-rikorrenti hu li:-

1. Din il-qorti kienet tat: *"... applikazzjoni pjuttost rigida tal-import tal-Artikolu 44(a) tal-Kap. 318"* (ara fol. 2 tar-rikors)
2. Ma taqbilx ma' dak li qalet il-qorti li l-Kapitolu 318 ma jatix diskrezzjoni lid-Direttur u lill-Arbitru filwaqt li b'applikazzjoni tal-Artikolu 108(9) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318), l-Arbitru ghandu diskrezzjoni li kellu jezercita f'dan il-kaz.

Permezz ta' twegiba prezentata fit-30 ta' Gunju 204 (fol. 10) l-intimat wiegeb li:

1. Ir-rikors hu null ghaliex sar *fuori termine* (Artikolu 818(1)(d) tal-Kap. 12).
2. Dawn il-proceduri m'huma xejn ghajr tentattiv min-naha tar-rikorrenti bhala appell iehor mis-sentenza.
3. Ir-rikorrenti ma wrietx fejn is-sentenza ta' din il-qorti ma kinitx skond il-ligi. Il-provvediment li applikat il-qorti kienu kollha rilevanti ghall-kaz. Sahansitra l-qorti ghamlet ukoll riferenza ghall-Artikolu 44 tal-Kap. 318.

Bis-sentenza li r-rikorrenti qeghda llum titlob li tithassar, din il-qorti kienet cahdet l-appell mid-decizjoni tal-Arbitru. Dan wara li l-qorti osservat li:-

i. B'applikazzjoni tal-Artikolu 44 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali, sabiex persuna tikkwalifika ghall-pensjoni ladarba tirtira, trid tissodisfa certi rekwiziti;
ii. Fil-kaz in ezami r-rikorrenti kienet ghalqet 60 sena fit-3 ta' Jannar 2002 u applikat ghall-pensjoni fil-25 ta' Lulju 2003, cjoe' sena u nofs wara li ghalqet 60 sena;

[1] Applikazzjoni hazina ta' ligi.

iii. Skond il-ligi l-eta' tal-pensjoni fil-kaz ta' mara mwielda fil-31 ta' Dicembru 1951 jew qabel, l-eta' tal-pensjoni hi ta' 60 sena. Ladarba rrizulta li l-appellanti la kienet *self-employed* u lanqas f'impjieg assigurabbli, l-eta tal-irtirar ghall-iskop tal-ligi seta' kien biss ta' 60 sena.

iv. Ir-rikorenti ma kellhiex dritt thallas kontribuzzjonijiet li ma hallsitx qabel 60 sena. Ghalhekk ma kienx possibbli li tirregolarizza l-posizzjoni wara li ghalqet l-eta' tal-irtirara.

v. L-Arbitru ma setax jezercita xi poter diskrezzjonali ghaliex il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurta Socjali, b'mod partikolari l-Artikolu 116(5)(ii), ma kienux jatuh din is-setgha.

Fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2015 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx x'izidu ma' dak li hemm fl-atti. Wara li l-qorti rat l-atti u l-atti tal-proceduri 10/2007, tosserva:-

1. Is-sentenza oggett ta' dawn il-proceduri inghatat **fit-23 ta' Mejju 2008**.
2. Ir-rikors ghal ritrattazzjoni gie pprezentat **fil-21 ta' Mejju 2013**.
3. Ir-raguni li ghaliha qeghda tintalab ritrattazzjoni hi applikazzjoni hazina ta' ligi.
4. Ritrattazzjoni minhabba applikazzjoni hazina ta' ligi tista' tintalab fi zmien **tliet xhur minn dakinhar tas-sentenza** (Artikolu 818(1)(d) tal-Kap. 12).
5. F'dan il-kaz ir-ritrattazzjoni ntalbet hames snin wara s-sentenza ta' din il-qorti. Ghalhekk l-intimat ghandu ragun li r-rikors sar *fuori termine.*

**Ghar-raguni fuq moghtija tiddikjara r-rikors ta' Francesca Saveria Borg bhala null, bl-ispejjez kontra taghha**.

Anthony Ellul.